DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1620

tad-19 ta' Settembru 2022

li tistabbilixxi miżuri ta' kontinġenza mudell għal każijiet ta' impossibbiltà teknika ta' aċċess għad-*data* fil-fruntieri esterni, inklużi proċeduri ta' riżerva li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet tal-fruntieri skont l-Artikolu 48(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 48(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, "ETIAS") għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma eżenti mir-rekwiżit li jkollhom viża fil-pussess tagħhom għall-finijiet tad-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri.

(2) Skont l-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-awtoritajiet tal-fruntieri kompetenti biex iwettqu verifiki fil-fruntieri fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandhom l-obbligu li jikkonsultaw is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS bl-użu tad-*data* li tinsab fil-parti tad-dokument tal-ivvjaġġar li tinqara minn magna. Jista' jkun hemm ċirkostanzi minħabba ħsara teknika li sseħħ fi kwalunkwe parti tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS jew minħabba ħsara fl-infrastruttura tal-fruntieri nazzjonali fi Stat Membru li fih awtorità tal-fruntiera jaf ma tkunx tista' tipproċedi bil-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

(3) L-iskop ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi miżuri ta' kontinġenza mudell, inklużi proċeduri ta' riżerva li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet tal-fruntieri fil-fruntieri esterni f'ċirkostanzi li fihom awtorità tal-fruntiera jaf ma tkunx tista' tipproċedi b'tali konsultazzjoni tas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS.

(4) Il-miżuri ta' kontinġenza mudell għandhom l-għan li jintużaw kemm bħala linji gwida kif ukoll bħala bażi, aġġustata kif meħtieġ, għall-iżvilupp u l-adozzjoni mill-Istati Membri tal-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali tagħhom għall-każijiet fejn awtorità tal-fruntiera ma tkunx tista' tipproċedi bil-konsultazzjoni tas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS meta twettaq verifiki fil-fruntieri fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399.

([1]) ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 077, 23.3.2016, p. 1)

(5) Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-fruntieri jkollhom il-possibbiltà li jidderogaw temporanjament, f'każ ta' ħsara teknika, mill-obbligu li jikkonsultaw is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, u li jivverifikaw l-istatus tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar permezz tal-għodda ta' verifika msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2018/1240. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit il-kontenut tan-notifiki mill-awtoritajiet tal-fruntieri fil-każ ta' impossibbiltà teknika li ssir il-konsultazzjoni tas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS minħabba ħsara fl-infrastruttura tal-fruntieri nazzjonali fi Stat Membru.

(6) Ġaladarba r-Regolament (UE) 2018/1240 jimxi fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, innotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1240 fil-liġi nazzjonali tagħha. Għalhekk id-Danimarka hija marbuta b'din id-Deċiżjoni.

(7) Din id-Deċiżjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([3]). Tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom; għalhekk l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(8) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([4]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([5]).

(9) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([6]) li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([7]).

(10) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([8]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([9]).

(11) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jimxi fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen, jew huwa altrimenti marbut miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011, rispettivament.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([8]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Frar 2022.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti (ETIAS),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Miżuri ta' kontinġenza mudell inklużi proċeduri ta' riżerva għall-każijiet ta' impossibbiltà teknika ta' aċċess għad-*data* fil-fruntieri esterni

1. Meta jkun teknikament impossibbli li wieħed jipproċedi bil-konsultazzjoni jew bit-tfittxija msemmija fl-Artikolu 48(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-awtoritajiet tal-fruntieri jistgħu:

(a) jitolbu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jipprovdu l-istatus tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tagħhom (valida, miċħuda, annullata jew revokata) u l-perjodu ta' validità; għal dan il-għan, l-awtoritajiet tal-fruntieri jistgħu jistabbilixxu konnessjoni mal-Internet jew jagħtu aċċess għal tagħmir installat f'punti ta' qsim tal-fruntiera għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaqbdu mal-għodda ta' verifika msemmija fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/970 ([11]);

(b) jaħżnu lokalment informazzjoni relatata mal-entrati, bħal *data* dwar l-identità jew *data* dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għall-fini ta' verifika sussegwenti tal-istatus tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu matul il-perjodu ta' impossibbiltà teknika; L-awtoritajiet tal-fruntieri jistgħu jaħżnu din l-informazzjoni biss għall-perjodu tal-impossibbiltà teknika u l-verifika sussegwenti; jew

(c) jista' jitneħħielhom, b'mod temporanju, l-obbligu li jikkonsultaw is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS.

2. In-notifiki previsti fl-Artikolu 48(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandhom isiru mingħajr dewmien permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni kondiviżi mill-awtoritajiet tal-fruntieri, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS u l-Unità Ċentrali tal-ETIAS.

3. In-notifiki previsti fl-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, li għandhom jiġu kkomunikati mill-awtoritajiet tal-fruntieri lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u lill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS rispettiva tagħhom għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-punt(i) tal-qsim tal-fruntiera affettwat(i) mill-ħsara u l-awtorità li ma tistax twettaq il-konsultazzjoni; u

(b) d-data u l-ħin meta tkun seħħet il-ħsara;

(c) fejn possibbli, id-deskrizzjoni tal-ħsara u l-ħin tar-rispons għar-riżoluzzjoni.

L-unità Ċentrali tal-ETIAS għandha, meta tinforma lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, tipprovdi l-istess informazzjoni li tirċievi mill-awtoritajiet tal-fruntieri.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([11]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/970 tat-22 ta' Frar 2019 dwar l-għodda li l-applikanti jistgħu jiċċekkjaw l-istatus tal-applikazzjonijiet tagħhom kif ukoll il-perjodu ta' validità u l-istatus tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tagħhom biha, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, 13.6.2019, p. 15).

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN